MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2008

Numru 656/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Edel Mary Camilleri)**

**v**

**John Bartolo ta' 47 sena iben Paul u Emanuela nee Galea imwieled Naxxar fit-18 ta' April, 1957, residenti Il-Palma, Triq il-Missjunarji, Mosta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 349657 (M)**

**Daniel Bartolo ta' 19 sena iben John u Mary nee Fenech imwieled Naxxar fit-12 ta' Gunju, 1985, residenti Il-Palma, Triq il-Missjunarji, Mosta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 308585 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija John Bartolo u Daniel Bartolo li gew akkuzati talli fl-10 ta' Awissu, 2004 u fix-xhur ta' qabel gewwa Velvet Bar, Triq il-Pijunieri, Bugibba u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, impjegaw u/jew taw xoghol lil persuna li ma kienx persuna ezenti u li ma kellux licenzja moghtija lilu ghal dak l-impieg jew xoghol skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli bhala persuni responsabbli li kien qed issir gewwa fond f'Bugibba u nhawi ohra f'Malta impjegaw persuna li ma kienx cittadin ta' Malta meta din il-persuna ma kellhiex permess validu u ufficjali.

U aktar talli fl-istess cirkostanzi bhala principal jew il-persuna li timpjega persuni ohra full-time, part time jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqsu li jinnotifikaw lill-Korporazzjoni tax-xoghol u tahrig b'dan l-impieg kif hemm stabbilit fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 .

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputati ma kellhom ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Il-fatti ta' din il-kawza huma fil-qosor it-trovament ta' Sergei Arapu gol-kcina tal-Velvet Bar minn PC 1007 Michael Mulvaney li sussegwentement irrizulta li kien hawn Malta kemm bil-visa skaduta kif ukoll bla work permit. Illi fil-fatt ghandu jinghad illi mix-xhieda tal-kuntistabbli Mulvaney jirrizulta biss, u dan meta l-istess kuntistabbli kien suggett ghall-kontroezami, illi ghalkemm hu sab lil Arapu fil-kcina sabu vera hdejn l-appetizers pero' ma sabux isajjar.

Min-naha tieghu Arapu xehed diversi drabi quddiem din il-Qorti u dan ghaliex irrizulta bhala xhud difficli u mhux ghal

kollox konsistenti. Qal li hu kien ilu hawn Malta ghal madwar sebgha xhur u ghex f'diversi postijiet bhal Qawra, Bugibba u San Giljan. Jghid ukoll illi qabel ma gie maqbud mill-Pulizija hu kien jghix ghal disat ijiem fuq beach gewwa Bugibba. Dwar il-prezenza tieghu fil-kcina tal-Velvet Bar jghid li hu hawn ma kienx qed jahdem pero' jiekol sandwich bil-permess ta' Daniel il-ko-akkuzat, izid li hu kien jiekol hemm bejn sitta u sebgha darbiet f'gimgha.

Arapu nnega li hu kien qed jahdem gol-kcina tal-Velvet Bar kif ukoll li kien jaf lill-ko akkuzat John Bartolo.

Ghalhekk xehdet l-Ispettur Camilleri u l-Ispettur Haber f'dan ir-rigward. It-tnejn xehdu, Camilleri ghax mitkellem minnha u Haber ghax kien prezenti, illi fl-ewwel lok Arapu kien jikkomunika sew bil-lingwa Ngliza, mhux kien qed jippretendi quddiem din il-Qorti. Oltre hekk xehdu wkoll illi r-Russu kien anke ammetta illi hu kien fil-fatt jahdem fil-Velvet Bar fil-kcina. L-istess Arapu kien qal lill-Ispettur Camilleri illi John Bartolo kien fil-fatt ihallsu bejn Lm 5 u Lm 6 kull erba' sighat xoghol.

Qalet l-Ispettur Camilleri u dan in kontro ezami illi l-ewwel tat il-caution lil Arapu, sussegwentement haditlu stqarrija u wara wrietu r-removal order bil-lingwa Russa.

Min-naha tieghu l-Ispettur Haber ikkonferma illi Arapu kien mitkellem bil-lingwa Ngliza u beda sahansitra jirrispondi bl-istess billi anke jifforma sentenzi shah.

Rega' ghalhekk ittella jixhed Arapu u spjega li hu kien ammetta ma' l-Ispettur Camilleri l-impieg tieghu mal-Velvet Bar ghaliex minnha mitkellem ma kienx qed jifhem bil-lingwa Ngliza.

Kien f'dan l-istadju li l-Qorti hasset u vverbalizzat illi nonostante ghall-fatt illi Arapu beda jilghabha li ma kienx qieghed jifhem sew bl-Ingliz, illi l-istess Arapu sahansitra beda jirrispondi (anke jekk minn taht l-ilsien l-istess Qorti, bil-lingwa Ngliza) (fol 70 – fol 72).

Kien minhabba f'tali fatt li l-Qorti ordnat konfront bejn Arapu u l-Ispettur Haber. Matul dan il-konfront Arapu ammetta li fil-fatt kien qal lill-Ispettur Camilleri li hu kien qed jahdem gewwa l-Velvet Bar. Pero' qal li hu kien qalilha hekk biss ghaliex hass li kienet se tibghatu straight id-dar. Rega' pero' issa nnega li fil-fatt kien jahdem gol-Velvet Bar.

Ikkorrobora pero' l-Ispettur Camilleri in kwantu qal li sar jaf bid-deportation order wara li gie mitkellem (allura din ma ntuzatx bhala karrotta biex hu jirrispondi).

Baqgha ghalhekk jinsisti illi hu gideb lill-Pulizija ghaliex ried li jintbaghat id-dar kmieni.

Gie pruvat ukoll illi l-licencee tal-Velvet Bar kien il-ko akkuzat John Bartolo.

Ikkonsidrat

Illi ma ghandha ebda dubju din il-Qorti mil-fatt li Arapu xejn ma hu u kien veritjier. Bizzejjed ghall-fatt li kull darba li ttella' jixhed dejjem hareg b'xi teorija gdida biex jiggustifika tghawiga ohra tal-verita'.

Jibqa' l-fatt pero' li din il-kawza ggorr maghha certu onu ta' prova – certament tali prova hija mankanti in kwantu si tratta ghal Daniel Bartolo in kwantu dan qatt ma setgha mpjega lil Arapu ghax mhux il-licencee.

Min-naha l-ohra ghalkemm Arapu qal lill-ispettur Camilleri li John Bartolo kien anke jhallsu pero' wara baqgha jinsisti li hu qatt ma kellu impieg ma' Bartolo.

Illi ghalkemm ex lege xhud wiehed jekk emmnut jibbasta lill-Qorti biex tasal ghall-htija bilfors trid tqis il-Qorti illi l-kuntistabbli li l-ewwel sab lil Arapu fil-kcina qatt ma sabu jsajjar, kif ukoll fil-fatt illi Arapu baqa' dejjem jinnega l-impieg ma' Bartolo meta fil-fatt ma ngabet ebda raguni ghal xi gwadann tieghu b'din in-negazzjoni.

Ghaldaqstant tqis li dana kollu jikkrea dubju favorevoli a favur l-akkuzati u qeghda konsegwentement tilliberahom mill-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------